# L-ikbar praspura li għamlet warda mill-isbaħ fil-ġnien ta' Sidor

Għodwa waħda, ġewwa l-ġnien meraviljuż ta' Sidor, kien hemm mijiet ta' fjuri mill-isbaħ, jistennew bil-ħerqa x-xemx tielgħa. L-isbaħ waħda fosthom, li kien jisimha Pippa, kienet xebgħet fil-ġnien, għax il-fjuri l-oħra kienu jgħiru għaliha minħabba ġmielha.

Darba kien għaddej farfett maġiku li sema' lil Pippa tgerger weħidha u niżel biex jara xi ġralha. Hi spjegatlu s-sitwazzjoni u qaltlu li riedet tiskopri aktar id-dinja. Il-farfett qalilha li Sidor kien iħobbhom daqs il-mimmi t'għajnejh, però Pippa baqgħet tinsisti li ma riditx tibqa' hemm. Il-farfett maġiku qalilha li huwa kellu l-poter li jista' jeħodha fejn trid, imma sa tliet darbiet biss. Pippa tgħidx kemm ferħet malli semgħet kliemu u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha fejn xtaqet tmur. Però l-farfett kellu xi ħaġa oħra f'moħħu.

Fl-aħħar, Pippa ddeċidiet li tmur xi mkien weħidha fejn setgħet tkun l-isbaħ waħda, mingħajr ebda intoppi mingħand ħaddieħor. Għalhekk, talbet lill-farfett sabiex jeħodha fuq l-ogħla muntanja tad-dinja. Il-farfett aċċetta u f'kemm trodd salib, Pippa sabet ruħha fejn xtaqet. Għall-ewwel ħassitha kuntenta, iżda wara ftit, intebħet li fuq il-muntanja ma kienx hemm min seta' japprezza s-sbuħija tagħha. Imbagħad għajtet lill-farfett u qaltlu li ma riditx tibqa' hemm.

Għal darb'oħra, il-farfett staqsieha fejn riedet tmur u hi weġbitu li riedet tmur f'qiegħ ta' baħar biex forsi joqogħdu jammirawha l-ħut li jkun għaddej. Minnufih, Pippa spiċċat f'baħar mimli ħut, però l-ebda ħuta ma bdiet tagħti kasha. Pippa

bdiet tirrabja u reġgħet sejħet lill-farfett. Qaltlu, "Ħudni f'nofs deżert forsi hemmhekk nispikka." Il-farfett obdieha. Il-warda ħassitha speċjali qalb dak ir-ramel kollu, imma wara ftit, bdiet tħossha bil-għatx. Sejħet lill-farfett, u qaltlu, "Ħudni fejn trid, imma ma rridx nibqa' hawn!" Imma din id-darba l-farfett weġibha, "Jiena kont wissejtek li stajt nieħdok fejn trid, imma sa tliet darbiet biss." U l-farfett sparixxa. F'dak il-mument, il-warda ndunat x'kienet għamlet.

Imbagħad semgħet għajta familjari, refgħet rasha, u rat lil Sidor! Dan ġabarha, u reġa' ħadha lura miegħu fil-ġnien, fejn sabet lill-farfett jistennieha u staqsieha, "Fejn ser nieħdok issa?" Iżda Pippa tgħallmitha l-lezzjoni u weġbitu, "Hawn ma jonqosni xejn!"

*Julia Borg*
Yr 9 Corals

